MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Numru 5/20

**Fl-Atti tad-denunzja tal-Probation Officer Ivan Sultana fil-konfront ta' Glenn Vella**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Anthony Portelli)**

**Vs**

**Glenn Vella**

**Illum 18 ta' Gunju, 2014**

Rat in-nota;

Rat illi minkejja d-differimenti kollha li nghataw, id-denunzjand qatt ma deher jew gab xi skuza biex ma jidhirx;

Rat ukoll li d-denunzjand ma hax l-opportunita` moghtija lilu sabiex jirriforma ruhu anzi, s-sitwazzjoni tieghu ggravat b'aktar abbuz ta' sustanzi psikotropici;

Rat illi dan in-nuqqas ta' kooperazzjoni tad-denunzjand esasporat lill-Probation Officer Ivan Sultana fejn spicca biex tilef il-kuntatt mieghu.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ma tistax tiehu bis-serjeta l-iskuza tad-denunzjat li qata kull kuntatt mal-Probation Officer ghax dahal l-isptar. Jekk kien hekk, zgur li ma kelliex isservi ta' impediment ghall-ordni moghtijua. Pero' l-Probation Officer xehed mod iehor.

Li minkejja li l-perjodu ta' probation skada, d-denunzjand ma kienx qed joqghod ghall-ordnijiet tal-Probation Officer tul il-perjodu tal-probation u ghalhekk jimmerita li jircievi sanzjoni ghal dan il-ksur sistematiku.

Ghal kull buon fini, tirrevoka l-ordni ta' probation imposta fuq id-denunzjand permezz tas-sentenza tat-3 ta' Mejju 2010 u wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(g), 267, 268, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kap. 9 tikkundanna lid-denunzjand Glenn Vella ghal perjodu ta' tnax il-xahar prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------